# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Seduta tat-28 ta' Novembru 2018**

**Kumpilazzjoni numru 125/2014**

**Il-Pulizija**
**(Luke Bonello)**
**vs.**
**Josef Grima**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Josef Grima, bin Francis u Maria nee Cassar, imwieled Pieta' fit-13 ta' Ottubru, 1983, u residenti ġewwa Redentur House, Kosbor Street, Żebbuġ, detentur tal-karta tal-identita' nru. 506583M:

Akkużat talli nhar is-26 ta' Ottubru 2013, għall-ħabta ta' bejn l-10:30 u l-11:00am ġewwa San Ġiljan:

1. Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, għad-detriment ta' Joanna Paola Pace fejn l-ammont tal-ħsara hija iżjed minn elf mija u erbgħa u sittin Ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1164.69) u dan bi ksur ta' Artikolu 325(a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Jaonna Paola Pace f'periklu ċar, ikkagunalha ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa liema ħsara hija ta' natura ħafifa, u dan bi ksur ta' Artikolu 221(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi uża jew ġiegħel jew ħalla lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm il-darba, għall-użu tal-vettura minnu jew mnn dik il-persuna l-oħra, ma kenx hemm polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terżi persuni u dan bi ksur ta' Artikolu 3(1) tal-Kap 204 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi soqt vettura numru KBO-092 tat-tip BMW, b'manjiera perikoluża u

traskurata u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet wkoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkunsidra lil ħati bħala reċidiv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 kif ukoll li tiskwalifika lil ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien li jidrilha xieraq.

In oltre din il-Qorti ġiet mitluba li tipprovdi għas-sigurta' ta' Joanna Poala Pace u l-familja tagħha ai termini tal-Artikolu 383 et sequitur tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi matul is-seduta tal-21 ta' Frar 2014 l-Uffiċjal Prosekutur irtira t-tielet imputazzjoni u matul l-istess seduta ikkonferma r-rimanenti imputazzjonijiet bil-ġurament;[1]

Rat li matul l-eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, tenna li huwa ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Rat ukoll li matul l-istess seduta l-Uffiċjal Prosekutur eżebixxa l-kunsens tal-Avukat Ġenerali sabiex il-proċedura f'dan il-każ tipprosegwi sommarjament;[2]

[1] Folio 26 tal-atti proċesswali.

Rat li matul l-istess seduta din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat żmien biżżejjed biex iwieġeb għal din il-mistoqsija, wieġeb li ma' kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja. Il-Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali u ddeċidiet li tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Rat li matul is-seduta tal-24 ta' Ġunju 2015 l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li ma kellux aktar provi x'jipproduċi;[3]

Rat id-dokumenti kollha preżentati, ħadet konjizzjoni tax-xiehda prodotti, semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet, u wara li fliet l-atti kollha tal-kawża;

***Ikkunsidrat :-***

Illi skond il-fatti riskontrati jidher li nhar is-26 ta' Ottubru 2013 għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' wara nofs in nhar Joanne Pace niżlet l-Għassa ta' San Ġiljan sabiex tagħmel rapport dwar inċident awtomobilistiku li kien għadu kif seħħ bejn tlett karrozzi, fosthom tagħha (tal-għamla

[2] Folio 24 tal-atti proċesswali. Kunsens datat il-31 ta' Jannar 2014.
[3] Folio 107 tal-atti proċesswali.

BMW 320D bin-numru ta' reġistrazzjoni PAC103), liema inċident kien seħħ fi Triq Mikielang Borg fid-direzzjoni lejn il-mini fi Triq Reġjonali. Skond dak irraportat inizjalment, il-Parte Civile kienet fit-traffiku fid-direzzjoni msemmija u f'daqqa waħda ħasset daqqa qawwija fuq wara li minħabba fiha baqgħet dieħla fil-karrozza ta' quddiemha. Kif ħarset fil-mera rat il-karrozza li kienet daħlet ġo fiha taqla fuq il-lane l-oħra fid-direzzjoni opposta. Kif għaddiet għarfet li x-xufier kien l-imputat, u li miegħu kellha relazzjoni li kienet damet xi seba' snin u li kienet intemmet madwar sentejn qabel seħħ dan il-każ.

Il-Parte Civile niżlet mill-vettura tagħha fejn marret tkellem lil mara li kienet qed isuq quddiemha u li ħabtet magħha, ċioe Elaine Grech fejn hi qaltilha li kienet ħadet in-*number plate* tal-vettura tal-imputat. Il-Parte Civile ċemplet lil Josef Grima u qaltlu li għarfitu; fejn hemmhekk hu meriha u ċaħad li qatt ma kien fuq il-post imma meta qaltlu li kien hemm min kien ħadlu n-numru tar-reġistrazzjoni tal-karozza tiegħu, stqarr li kien ser jammetti t-tort ta' kollox. Stqarret li kif mar ħdejha hu tefa' l-karrozza fejn tagħhom u nnutat li kellu flixkun birra f'idu. Grima beda jpassi 'l fuq u l-isfel sakemm wara ftit qalilha li kien ser imur l-Għassa peress li l-Parte Civile kienet qaltlu li kienu ġejjin missierha u l-għarus tagħha. L-imputat mar l-Għassa u hi marret warajħ peress li kellha timla l-karti tal-ħabta mas-sewwieqa l-oħra.

Illi minħabba dan l-inċident u skond kif jidher kemm mid-dokumenti li ġew eżebiti fl-atti kif ukoll mix-xhieda pertinenti li taw id-deposizzjonijiet tagħhom, il-vettura tal-parte civile Borg subiet ħsarat estensivi kemm fuq il-parti ta'quddiem kif ukoll fuq il-parti ta' wara tagħha, liema ħsarat swew il-fuq minn elf mija erbgħa u sittin euro disgħa u sittin ċenteżmu,[4] u li tħallsu mill-assikurazzjoni tal-Parte Civile. Apaprti dan, hija kienet ukoll weħlet kirja ta' karrozza għal perijodu ta erba' xhur li fil-parti l-kbira tagħha ħalsithom hi. Skond dak li jirriżulta mill-atti proċesswali dil-kirja swietha elfejn tmienja u disgħin Euro u erba' ċenteżmi (€2098.04).[5] Di piú skond iċ-ċertifikat mediku maħruġ mit-tabiba Diane Balzan, il-Parte Civile soffriet ukoll ġrieħi ħfief ikkaġunati matul din il-ħabta, konsistenti prinċiplament fi tnemnin ta' idejha x-xellugija kif ukoll uġigħ fi spallejha.[6]

Illi in oltre meta xehdet il-Parte Civile matul is-seduta datata 16 ta' Diċembru 2014, filwaqt li d-dinamika tal-inċident skond kif deskritta minnha fir-rapport tal-Pulizija baqa' identiku, il-Parte Civile żiedet li hi kienet għadha kif iltaqgħet mal-imputat fi stabbiliment sitwat faċċata tal-Għassa ta' San Ġiljan fejn l-imputat kien qiegħed jixrob u dan sabiex jagħddilha xi affarijiet tagħha, fejn hemmhekk inqala' argument bejniethom. Il-Parte Civile telqet minn fuq il-post u filwaqt li kienet qed isuq bil-mod seħħet il-kollizzjoni. Il-Parte Civile saħqet li l-imputat kien qed isuq il-vettura tiegħu warajha u wara li ħabat ġo fiha, telaq minn fuq

[4] Folio 116 a 127 eżebiti mix-xhud Andrew Pizzuto għan-nom ta' Unipol Insurance Agency.
[5] Folio 80 tal-atti proċesswali.
[6] Folio 47 tal-atti proċesswali.

il-post. L-imputat irritorna lura biss wara li l-Parte Civile ċemplitlu u għarfitu li kien hemm min kien ħadlu n-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura tiegħu. Din ix-xhud kompliet tikkonferma l-ħsarat riskontrati kif ukoll il-ġrieħi sofferti minnha mal-iskoss li ħadet mad-daqqa li kien hemm li kienet waħda konsiderevoli fil-fehma tagħha.

Meta xehdet in kontro-eżami matul is-seduta datata t-22 ta' Ġunju 2016, il-Parte Civile ġiet mistoqsija mill-Avukat Difensur għalfejn kienet qalet lill-Ispettur li l-imputat kien daħal fiha apposta fejn spjegat illi huma kienu ilhom f'relazzjoni ta seba' snin li ddeskriviet bħala *hassle.* Wara li kienet iltaqgħet miegħu quddiem Tony's Bar huma argumentaw ftit u wara li telqet ħasset daqqa fuq wara tal-vettura tagħha. Il-Parte Civile ddeduċiet li l-imputat daħal fiha apposta għax matul ir-relazzjoni tagħhom dejjem hekk kien jagħmel. Kien jiġġieled u jkisser il-bibien eċċetera. Ikkonfermat li huma ltaqgħu dakinhar għax hi kienet ikkomunikat miegħu biex jiltaqgħu. Ċaħdet pero li kif telqu bil-vetturi tagħhom kienu miftehmin sabiex imorru ġewwa apartament San Ġwann. Il-Parte Civile insistiet li kienet sejra d-dar.

Il-Parte Civile ddikjarat li dan l-inkontru kien l-ewwel wieħed wara madwar sena. B'referenza għall-ewwel deposizzjoni tagħha hi stqarret li kienet damet erba' xhur biex tagħmel *claim* mal-Insurance tagħha peress li kienet qed tittamma li l-imputat jagħmel *claim* hu li madankollu qatt ma seħħ. Di piu' tagħat x'jifhem li t-tiswijiet kienu ħadu żmien

konsiderevoli sabiex jitlestew ukoll. L-Avukat Difensur rreferiha għal silta mid-deposizzjoni oriġinali tagħha fejn qalet li kienet ċemplet lil missierha u lil għarus għax ma setgħatx tħalli ċertu affarijiet għaddejjin u ġiet mistoqsija tispjega x'riedet tfisser biha. Il-Parte Civile spjegat li b'dan hi kienet riedet tfisser li kienet qed tibża peress li l-imputat kien ossessjonat biha. Hi ċaħdet li kif saret il-ħabta qalet lill-imputat biex jitlaq minn fuq il-post. L-imputat qabad u telaq u hi ma kelliex l-opportunita li tkellmu. Ikkonfermat li ċemplitlu u li meta ġie lura kien *bi drink* u poġġa l-karozza f'postha. Saħqet li hi kienet qaltlu li kienet ċemplet lil missierha u lill-għarus tagħha; nonche li marret l-Għassa u l-ewwel niżel missierha u wara li wasal l-għarus tagħha ħdejha huma niżlu flimkien.

In ri-eżami il-Parte Civile ċċarat illi hi u l-imputat kienu għadhom kif kellhom argument minħabba l-fatt li hi kienet f'relazzjoni oħra u hu kien qed jgħir għaliha u kien qalilha li kien ser ikissrilha l-BMW li kien ta' ħuha l-mejjet. Fuq mistoqsija tal-avukat difensur, stqarret li ma tafx jekk l-imputat kienx f'relazzjoni oħra f'dawk iż-żminijiet. Ikkonfermat li l-imputat kellu flat San Gwann u li ġieli marret pero la hi u lanqas hu ma kienu f'relazzjoni meta marru. Meta marru, hija kienet fir-relazzjoni mal-imputat iżda qalet li safejn tiftakar kienet anki marret wara li ħassru. Ikkonfrontata bil-fatt li l-ewwel qalet li qatt ma kellmitu qabel dakinhar minn mindu ħassru u issa qed tgħid mod ieħor wieġbet li hi ġieli ltaqgħett miegħu biex jgħaddilha xi affarijiet tagħha. Safejn ftakret

kien hemm biss okkazzjoni waħda qabel l-inċident meta marret San Gwann qabel dakinhar tal-inċident. Dakinhar tal-inċident marret tiġbor l-i*stereo* tal-karrozza BMW tagħha peress li kien qiegħed il-garaxx tal-imputat, allavolja ma kienx ġabu miegħu meta ltaqgħu.

Illi meta l-imputat irilaxxa stqarrija[7] mal-Pulizija dakinhar tal-inċident, huwa ddikjara illi hu kien għarus għal seba' snin mal-Parte Civile u ħassru sentejn qabel dakinhar. Stqarr li l-aħħar li kien ra' kien il-Ħadd ta' qabel imma ma tkellmux peress li kienu bl-għarajjes rispettivi tagħhom. Stqarr li dakinhar filgħodu kien irċieva telefonata fuq *private number* u meta wieġbu kienet il-Parte Civile li saqsietu kif kien. Qalilha li kien San Ġiljan ħdejn it-Tony's Bar. Hi qaltlu *Ok* u qatgħet u xi ħin wara avviċinat it-Tony's Bar bil-vettura tagħha u waqfet ħdejn il-BMW535 tiegħu biex tkellmu. Huma tkellmu normali u hi ddeċidiet xi ħin wara li titlaq minħabba l-għarus tagħha, ma jmurx jaraha xi ħadd. Xi ħin wara hu wkoll kellu jitlaq ukoll peress li kien qed isirlu l-ħin biex jiġbor lill-għarusa tiegħu. B'hekk qabad it-Triq Reġjonali biex imur il-Belt u hu u tiela ma ndunax li kien hemm il-Parte Civile qed issuq quddiemu għax dak il-ħin daħħalu messaġġ mill-għarusa tiegħu li qaltlu li tkun lesta siegħa oħra u kif għolla wiċċu sab it-traffiku bil-karozzi weqfin quddiemu u baqa' dieħel ġol-karozza tal-Parte Civile. Kif ra' hekk hu ippanikja, irriversja u telaq l-hemm. Kif wasal ħdejn il-mini il-Parte Civile ċemplitlu, dejjem minn fuq *private number,* u qaltlu li qalgħalha xeba' nkwiet u li kellu jerġa jmur lura. Qaltlu wkoll li biex ma

[7] Folio 12 tal-atti proċesswali.

jgħidx lil għarus tagħha. Filwaqt li kien fi triqtu lura, il-Parte Civile reġgħet ċemplitlu u qaltlu li kien ġej misserha u sabiex huwa jrazzan ilsienu. Kif wasal ħdejha hi qaltlu li kien ġej ukoll William tagħha apparti missierha. Kif qaltlu hekk hu mar l-Għassa għax kien jaf x'inhu ġej. Hu ċaħad li kellhom xi jgħidu kif waqfet ħdejħ it-Tony's. Mistoqsi għalfejn telaq kif telqet il-Parte Civile, la kien qed jistenna *cheque* tax-xogħol, l-imputat stqarr li kien diġa tħallas u kien qed jispiċċa l-birra li kellu f'idejħ f'dak il-waqt. Huwa ċaħad li ħabat fil-Parte Civile apposta u qal li hu għandu vettura li tiswa €30,000 u b'hekk mhux ser ikun miġnun u jagħmel ħsara fuq ħwejġu wkoll. Jgħid li fil-bidu meta ħassru kienu jiġġieldu u hi kienet għamlet xi żmien tiġri warajħ u kienet iċċempilu. Xi sentejn qabel kienet marret taħt id-dar tiegħu u għamlitlu storja. Imma hu qata' l-kuntatt minn magħha u dakinhar ċemplitlu hi. Filfatt kif il-Ħadd ta' qabel huwa kien raha, u peressli kienu mal-għarajjes rispettivi tagħhom ma tkellmux. Minn jeddu ddikjara li hu qatt m'heddidha. Ikkonferma wkoll li hu diġa tressaq il-Qorti fuq affarijiet oħra. Allega li missierha beda joffendiħ b'ommu meta raħ l-Għassa u l-għarus tagħha qallu li ser ipattijielu.

Meta xehed viva voce quddiem din il-Qorti[8] l-imputat stqarr illi hu kien dam madwar sitt snin għarus mal-Parte Civile. Meta seħħ l-inċident kienu ilhom madwar sena u nofs li ħassru. Spjega li kienet ċemplitlu dakinhar tal-inċident minn fuq il-*private number* bħalma kienet tagħmel is-soltu u dan minħabba l-għarus tagħha. Huma ġieli kienu ltaqgħu

[8] Folio 186 tal-atti proċesswali datata l-20.4.17.

anki wara li ħassru. Kienet saqsietu fejn kien u qalilha li kien tas-Sliema u li kienet ser terġa ċċempillu lura. Hu kien it-Tony's Bar, u hi reġgħet ċemplet u wara ftit ġiet ħdejħ. Hu mar ħdejha u kellimha, ma kienux iġġieldu u telqet wara li tkellmu. Ċaħad kategorikament li huma qatt ma kienu ltaqgħu matul dak iż-żmien. Anzi stqarr li huma regolarment kienu jiltaqgħu u kienet ġieli tmur il-post tiegħu ġewwa San Ġwann wara li kien ikollha xi tgħid mal-għarus. Kienet tmur għandu anki meta kien joqgħod Ħaż-Żebbuġ.

Dakinhar stqarr li ma kienux iġġieldu imma kienu tkellmu tas-soltu tal-għarajjes u wara li telqet minn fuq il-post, hu tefa' t-tazza tiegħu li kien qed jixrob minnha u telaq warajha fi triqtu. Hu stqarr li żbalja għax kien qara' messaġġ li kien daħħalu waqt li kien qed isuq u ħabat f'ta quddiemu li inzertat kienet hi. Kif ħabat hi ħarġet mill-vettura tippanikja minħabba l-inċident li kellhom prinċipalment għax kien ser imur missierha u l-għarus u kienet ser tinqabad li ltaqgħet miegħu għax kien barra minn triqitha. Hi qaltlu biex irażżan ilsienu fuq li kienu ltaqgħu u hu ddeċieda li jitlaq minn hemmhekk peress illi missierha ma jkellmux u jaf kif kien jagħmel kieku raħ hemmhekk.

Hu kien sejjer l-Għassa u waqt li kien fi triqtu ċemplitlu u qaltlu biex imur lura biex jaraw kif kienu ser jibqgħu. Hu reġa mar ħdejha imma hi bdiet timmutetja fit-triq fis-sens li bdiet tgħajjat u f'dak il-mument hu qabad u reġa' niżel lura l-Għassa. Waqt li kien qed jagħmel ir-rapport

tiegħu, kien mar missierha mal-għarus tagħha u persuna oħra u l-Pulizija kien tellgħu fuq. Jiftakar li f'mument minnhom kienu talbuħ iċ-ċavetta tal-karozza tiegħu peress li kien ipparkja fin-nofs biex jipparkjawielu sew. Kif ġie biex jitlaq mill-Għassa sabha migrufa u l-imputat irraporta dan il-fatt ukoll. Qal illi kemm missierha kif ukoll l-għarus ta' Joanne hedduħ kif rawħ hemmhekk; iżda din kienet xi ħaġa relattivament normali. Kienu ħadulu l-impronti imma jidhirlu li ma kien irriżulta xejn.

L-għada kien ċempillu ħu l-Parte Civile biex iwaqqa' r-rapport li kien għamel kontra missier il-Parte Civile fejn ġie nfurmat ukoll li missierha kien taħt arrest. Infatti kien iddeċieda li jwaqqa' kollox biex ma jtiħx iktar kedded għax kien għadda minn ħafna problemi u hu baqa' bil-karrozza migrufa. Filwaqt li l-imputat ma kien fittex lil ħadd mill-banda l-oħra lilu kienu qegħdin ifitxuħ fuq il-kirja tal-karozza. Da parti tiegħu hu ma ħax passi kontrihom. Illum il-ġurnata huma għandhom ħajjithom, iżżewġu u għandhom it-tfal u kien irranġa l-affarijiet anki ma missierha li kien bagħat għaliħ l-għada biex jiskuża ruħu. L-affarijiet baqgħu trankwilli minn dak iż-żmien l-hawn. Fejn jaraha ma jkellimhiex. Hu jaħdem fil-kostruzzjoni u jħaddem 50 ruħ miegħu. Stqarr li mhux minnu li daħal fiha apposta u li ma kienx ser ikun daqshekk miġnun li jfarrak il-karozza tiegħu li ma kienx ilu li xtraha biex ifarkilha tagħha. Kien nefaq xi €30,000.

In kontro-eżami l-Parte Civile rreferiet lill-imputat fuq dak li qalet Elaine Grech u ċioe li hu telaq immedjatament minn fuq il-post u mhux li nizel jargumenta magħha fejn hu ċaħad li seħħ hekk. Hu nsista li ħabat magħha b'riżultat ta' kumbinazzjoni sfortunata u li kien telaq minn fuq il-post tal-inċident minħabba li hi kienet iltaqgħet miegħu bil-moħbi u kien jaf kif kien missierha li kien ġej u kif tagħmel hi. Hu reġa mar lura għax inkella kienet tiġi qisu kien għamel *hit and run* u s-sitwazzjoni kienet tiġiħ agħar. Stqarr illi meta mar l-għassa hu kien uriehom il-mobile tiegħu bil-kjamati li kienu daħħlulu.

Fuq mistoqsija tal-Qorti jinsisti li hu ma kellu l-ebda argument magħha u in oltre jgħid li huma ltaqgħu f'kuntest normali. Hu kien jiltaqa' magħha meta jfetlilha hi għax hu lanqas in-numru tagħha ma kellu. Mistoqsi dwar il-fatt li kienu ltaqgħu klandestinament iżda ltaqgħu ġo pjazza ffullata allavolja suppost bil-moħbi qal li hu sempliċiment qalilha fejn kien u hi ġiet apparti li kienet anki marret taħt id-dar tiegħu. Hu stqarr li meta mar lura fuq il-post hu kien tefa l-karrozza wara tagħha biex ma jagħlaqx il-karreġġjata l-oħra. Mistoqsi għalfejn ma stennewx li jiġu l-Pulizija fuq il-post u għalfejn telaq minn hemmhekk, xehed li Elaine u l-Parte Civile kienu qedgħin iċemplu lill-Pulizija u hu ddeċieda li jitlaq kif qaltlu li kien ġej missierha fuq il-post.

Illi apparti dawn ix-xhieda nhar it-22 ta' April 2015[9] xehdet ukoll Elaine Grech li kienet is-sewwieqa tal-vettura li kienet fuq quddiem tal-kollizzjoni u ċioe l-vettura li daħlet fiha l-Parte Civile wara li allegatament ħabat fiha l-imputat. Grech ikkonfermat illi kienet involuta f'inċident peress li kienu daħlu fiha hi u tiela minn San Ġiljan lejn ir-Regional Road. Ikkonfermat illi kienet kollizjoni bejn tlett vetturi u li l-vetturi l-oħra kienu tal-Parte Civile fin-nofs u tal-imputat fuq wara.

Dix-xhud indikat illi l-karozza ta' warajha kellha daqqa sew u kien inqala' argument bejn is-sewwieqa ta' warajha u l-ieħor; iżda hi ma semgħetx x'qalu għax warrbet fil-ġenb. Is-sewwieq tal-BMW fuq wara telaq minn fuq il-post u reġa' ġie lura wara xi ħin. Ġie l-*warden* u pproċedew bil-firem. L-uniku ħaġa li semgħet hi li kienu jafu lil xulxin u hi ppruvat tikkalma s-sitwazzjoni. Hi kellha daqqa taħt skond is-*surveyor* allavolja ma kienitx ġravi daqs tal-karrozza tal-Parte Civile. In kontro-eżami ikkonfermat li dik is-sena kienet ħabtet darba. Spjegat li bejn wieħed u ieħor dan l-inċident kollu dam madwar tlett kwarti u siegħa. Il-Parte Civile u l-imputat damu jargumentaw għal madwar ħames minuti qabel il-vettura ta' wara telqet minn fuq il-post u ġie lura wara madwar kwarta.

Huma damu madwar nofs siegħa jistennew lil *warden* u ma tiftakarx jekk l-imputat kienx hemmhekk fil-frattemp. Grech stqarret li kien evidenti li kienu qedgħin jargumentaw. Mitluba tispjega kif kienu

[9] Folio 91 tal-atti proċesswali.

qedgħin jitkellmu bejniethom u jekk kienux qedgħin jgħajjtu Grech qalet li ma kienx hemm xi għajjat imma kien hemm daqsxejn rabbja jew aħjar kif deskritt minnha *saħna tal-mument minħabba l-ħabta*. Hi saret taf li l-imputat u l-Parte Civile kienu jafu lil xulxin peress li l-Parte Civile kienet qaltilha li dak kien l-*ex* tagħha hekk kif ħarġet mill-karozza u x-xhud kienet qaltilha biex iżommu l-affarijiet kalmi sakemm jiġi l-*warden*. Hi warbet u marret iċċempel lil klijenta tagħha biex tinfurmha li kienet ser tittardja u ċemplet ukoll lir-raġel.

Grech insistiet li ma riditx tidħol fl-argument u warbet minn ħdejhom u anki daħħlet fil-karozza tagħha. Ħalfet ukoll li ma kinitx tkellmet mal-Avukat tal-Parte Civile biex jiftehmu dwar kif kienet ser tixhed kif kien qed jimplika l-Avukat Difensur. Fil-ħin meta l-imputat ma kienx hemm hi u l-Parte Civile ma tkellmux u t-tnejn li huma kienu fuq it-telefon. L-uniku diskors li qaltilha kienet biex tikkalma u l-Parte Civile qaltilha li f'dak il-mument ma tantx setgħet tikkalma. Hi stqarret li qabel l-impatt hi kienet naqset il-veloċita tal-vettura tagħha peress li kien hemm vettura ħa tipparkja b'lura fil-*parking bay* imma ma kienx hemm traffiku fit-triq. Ma waqfitx f'daqqa, sempliċiment naqset mill-veloċita.

***Kusiderazzjonijiet dwar punti legali***

Illi apparti mill-addebitu tar-reċidiva skond l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat jinstab mixli bil-ħsara volontarja fuq il-vettura tal-

Parte Civile mal-ħabta. Il-ħsarat inkorsi minħabba din il-ħabta kienu jeċċedu s-somm ta' elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħin ċenteżmu (€1,164.69) u dan bi ksur tal-Artikolu 325(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-pern kollu ta' dan l-Artikolu huwa l-element intenzjonali meħtieġ biex jiġi integrat dan ir-reat u ċioe jekk effettivament il-ħsarat li ġew ikkaġunati sarux b'intenzjoni volontarja mill-imputat jew le.

L-element materjali ġie sostanzjalment ippruvat fis-sens illi l-imputat mhux qed jiċħad li ħabat fil-vettura tal-Parte Civile. Ġie ppruvat ukoll li l-ħsarat inkorsi eċċedew il-valur kif indikat fl-Artikolu 325(a) tal-Kodiċi Kriminali.

Illi bl-istess manjiera, t-tieni imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat tirrigwarda ġrieħi ħfief ikkaġunati fuq il-persuna tal-Parte Civile mill-imputat. Skond dak iddikjarat minnha dawn saru minħabba l-ħabta bejn il-karrozza tagħha ma tal-imputat u liema ġrieħi skond il-Parte Civile kienu ġew ikkaġunati volontarjament peress li l-imputat kien ħabat ġo fiha apposta.

L-imputat ġie mixli wkoll bl-akkuża tas-sewqan perikoluż u negliġenti da parti tiegħu bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi skond ġurisprudenza nostrana, senjatament il-każ fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Kevin Caruana***[10] intqal is-segwenti:

[10] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) mill-Imħallef Joseph Galea Debono nhar it-3 ta' April 2003.

Jekk sewqan hux (1) negligenti; jew (2) bla kont jew (3) perikoluz hija kwistjoni ta' "degree" u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom - l-aghar is-sewqan perikoluz. Biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness". "Recklessness" giet defenita bhala "wilfully shutting one's eye". Sewqan negligenti ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali.

Accident jista' minnu nnifsu jidher li x'aktarx gara minnhabba htija ta' xi persuna milli ghal kawzi ohra. Hawnhekk, jaqa' fuq dik il-persuna il-piz tal-prova biex juri li f' dak li gara ma kellux htija. Dan ghaliex jistghu jigu assodati serje ta' fatti li jikkostitwixxu dak li "in subiecta materia" jissejjah "res ipsa loquitur". S'intendi il-grad ta' prova fil-kaz ta' akkuzat jasal biss sa dak tal-probabilita' u mhux tenut li jipprova beyond "a reasonable doubt" kif jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni. Hu veru li skond gurisprudenza aktar recenti, t-teorija ta' "res ipsa loquitur" f'materja penali m'ghadhiex aktar tigi applikata mill-Qrati taghna, pero', jistghu jirrizultaw certi provi indizjarji jew "circumstantial evidence" li joholqu certi "presumptions of fact" kontra s-sewwieq, li fl-assenza ta' spjegazzjoni li tilhaq il-grad tal-probabbilta' jistghu anki jwasslu ghall-htija tas-sewwieq.

Gie ukoll ritenut li "ma hemmx dubju li l-fatt li driver jitlef il-kontroll tal-karozza w jispicca fuq in-naha l-hazina tat-triq minnu nnifsu hija prova ndizjarja jew "circumstantial evidence" li tohloq "presumption of fact" ta' sewqan hazin, ghax driver suppost li jkollu l-vettura tieghu dejjem taht kontroll.

.... Kull driver hu prezunt u mistenni li jkollu kontroll shih fuq il-vettura tieghu w jekk hu jitlef dan il-kontroll, irid jaghti spjegazzjoni ghala gralu hekk li tkun tikkonvinci ghall-inqas sal-grad tal-probabbilta'.

Il-fatt li vettura tant tohrog mill-kontroll tal-konducent li tispicca kompletament fuq in-naha l-hazina tat-triq u tahbat ma "oncoming car" hu l-epitome tas-sewqan hazin u zgur jinkwadra ruhu fil-kontest tas-sewqan perikoluz li bih gie akkuzat u nstab hati l-appellant.

*Ikkunsidrat :-*

Illi l-pern kollu tal-vertenza prinċipali f'dan il-każ jirrigwarda jekk fil-fatt l-imputat volontarjament ikkaġunax il-ħsarat fil-vettura tal-Parte Civile u konsegwentement jekk volontarjament ikkaġunax ukoll il-ġrieħi ħfief sofferti minnha li rriżultaw mill-istess ħabta. Il-verżjoni tal-fatti għal dak li wassal għal din il-ħabta huwa dijatrikament opposti għal xulxin. Filwaqt li ma ġiex ikkontestat fix-xhieda tal-Parte Civile kif ukoll dik tal-imputat li huma ltaqgħu qabel l-kolliżjoni, l-partijiet mhumiex qedgħin jaqblu kemm għal dak li jirrigwarda r-raġuni tal-inkontru tagħhom kif ukoll dwar dak li ġara waqtu.

Il-Parte Civile ssostni li matul dak l-inkontru huma kellhom xi jgħidu u wara li telqet minn fuq il-post l-imputat saq warajha u daħal fiha apposta. A differenza ta' dan, l-imputat jikkonferma li telaq warajha iżda mhux għax kellhom xi jgħidu qabel imma biss għax kien sarlu l-ħin biex jitlaq ukoll u kien fi triqtu. Jgħid umbagħad li hu u jsuq fl-istess triq, kien daħħalu messaġġ fuq il-mobajl li hu ddeċieda li jaqra allavolja kien qed isuq u kif għamel hekk ħabat mal-vettura ta' quddiemu, liema vettura inzertat dik ta' Joanne Pace. Għall-fatt waħdu li hu ħabat fil-vettura tal-Parte Civile ma jidhirx li hemm kontestazzjoni da parti tal-imputat. Iżda hemm kontestazzjoni dwar jekk mal-ħabta hu qabadx u telaq mill-post immedjatament jew le. Ġie kkonfermat miż-żewġ partijiet li hu filfatt irritorna lura madwar kwarta wara u umbagħad

telaq għat-tieni darba minn fuq il-post tal-kolliżjoni biex imur l-Għassa jagħmel ir-rapport tal-każ li kien għad kellu mal-Parte Civile.

Illi għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta' tax-xhieda, l-Artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-sub-artikolu (2) tal-istess Artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu jekk emnut huwa suffiċjenti. Ukoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta huwa l-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali li jistipula li għal dak li jirrigwarda xiehda ta' eta' minuri, xiehda tal-imputat kif ukoll ix-xiehda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-Artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xiehda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża :

> id-deċiżjoni (*dwar il-kredibbilta tagħhom*) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ....

Hu prinċipju assodat mill-ġurisprudenza Maltija hi li min jallega jrid jipprova dak allegat minnu u dan il-prinċipju japplika kemm għall-allegazzjonijiet magħmula mill-Prosekuzzjoni kif ukoll dawk magħmula mid-Difiża. Dan dejjem salv pero għall-preżunzjoni tal-innoċenza tal-imputat u għad-dritt għas-silenzju li l-imputat igawdi minnhom. U apparti d-differenza fil-grad tal-prova meħtieġa mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża meta jiġu biex jippruvaw fatti allegati minnhom.

In oltre kif gie ritenut mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Joseph Thorne***:-[11]

> ..mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il- kriterji enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux.

***Ikkunsidrat :-***

Illi għal dak li jirrigwarda l-ewwel żewġ imputazzjonijiet, u dejjem għal dak li jirrigwarda l-element formali tar-reat, u ċjoe jekk l-imputat ikkaġunax il-ħsarat u konsegwentement il-ġrieħi fuq il-persuna tal-Parte Civile volontarjament, il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-każ tagħha sal-grad rikjest mill-Liġi. Inoltre dil-Qorti ma tħosshiex moralment konvinta li l-fatti seħħew kif allegat mil-Parte Civile almenu f'partijiet tax-xhieda tagħha.

Illi dwar in-natura tal-inkontru li kellhom il-Parte Civile u l-imputat jidher li l-verżjoni tal-imputat hija aktar verosimili fis-sens li dawn iltaqgħu bil-moħbi tal-*partner* tal-Parte Civile u x'aktarx anki tiegħu. Dan qed jingħad peress li meta l-Parte Civile għamlet ir-rapport oriġinali tagħha mal-Pulizija fejn kien hemm ukoll preżenti missierha u l-*partner*

[11] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono.

tagħha, ma semmiet xejn dwar l-inkontru li kellha ftit qabel il-ħabta mal-imputat u lanqas ma semmiet li kellhom argument. Dan infatti ġie mistqarr minnha l-ewwel darba meta xehdet viva voce quddiem din il-Qorti. Qabel dan kien biss l-imputat li kien għamel referenza għall-inkontru li kellhom dakinhar qabel l-inċident – fatt li reġgħa stqarru meta xehed viva voce quddiem din il-Qorti. Skond ix-xhieda ta' WPS245 Christina Delia,[12] kif kienu kkonfrontaw lil Parte Civile bil-verżjoni tal-imputat hi kienet baqgħet issostni l-verżjoni tagħha iżda meta telgħet fuq fl-Għassa kienet stqarret li kien hemm xi affarijiet li qal l-imputat li setgħu kienu mis-sewwa. Sussegwentement il-Parte Civile kkonfermat dan l-inkontru meta xehdet viva voce allavolja l-kontenut tal-inkontru u dak li seħħ waqtu kien differenti minn dak allegat mill-imputat.

Illi m'hemm l-ebda prova dwar jekk kienx hemm argument jew le quddiem Tony's Bar, għajr dak allegat mill-Parte Civile. Kwindi dan il-fatt waħdu la huwa kkonfermat u lanqas innegat mill-ebda prova oħra li ġiet ippreżentata; għajr ħlief li l-imputat ċaħad li kien hemm dan l-argument. L-allegazzjoni tal-Parte Civile l-imputat kien iġib ruħu b'mod vendikattiv kull meta kienu jargumentaw waqt ir-relazzjoni tagħhom ukoll ma ġietx sostanzjata.

Illi inoltre, u iktar importanti minn hekk, b'referenza għal dak li ġara wara l-impatt li seħħ bejn il-vettura tal-imputat u dik tal-Parte Civile

[12] Folio 52 tal-atti proċesswali.

importanti li ssir referenza għal dak li xehdet Elaine Grech. Għal kull buon fini l-Qorti ser tikkwota *verbatim* minn dak illi xehdet din ix-xhud fid-deposizzjoni tagħha viva voce quddiem din il-Qorti:

> Kif indunajt li daħlu fuqi ħriġt mill-karozza, rat il-karrozza li kienet wara kellha daqqa sew. Li kieent warajja ehe, ovvjament ċempilt, l-ewwel ma ċempilt lir-raġel jiena u mbagħad naf li kien hemm argument u jiena ovvjament ersaqt daqs dxejn fil-ġenb, id-driver ta' l-karozza ta' ara nett naf li telaq imagħad ftit wara reġa ġie, għadda Pulizija qalilna ipparkjaw fil-ġenb tat-triq mbagħad ġie l-warden imbagħd minn hemm hekk ipproċedejna bil-firem, iffirmajna bumper to bumper.
> ....
> Dr. Grima: Jiġifieri dawn ħabtu, argumentaw għal kemm?
> Xhud: Forsi jiena naf damu ħames minuti?
> Dr. Grima: Ħames minuti jargumentaw, telaq u għamel għaxar minuti u wara għaxar minuti reġa ġie. Correct?
> Xhud: Bejn wieħed u ieħor. Għaxar minuti/kwarta...bl-arloġġ.
> .....
> Spettur Bonello: Inti biex nitkellmu fuq it-tielet karozza, it-tielet karozza x'sar minnha? X'ġara kif inti ħriġt mill-karozza?
> Xhud: It-tielet karozza wara li kien hemm aħna nistgħu ngħidulu argument imma ma kienux qed jgħajjtu jiġifieri ftit wara telqet u reġgħet ġiet qisu wara ten/fifteen minutes. Ma nistax eżatt nkun ċerta.

Minn din is-silta, u a differenza minn dak li stqarret il-Parte Civile, l-imputat ma qabadx u telaq minn fuq il-post mal-impatt iżda kif xehed hu, inqala' argument li skond Elaine Grech l-imputat dam bejn wieħed u ieħor ħames minuti fuq il-post wara l-impatt u wara telaq minn hemm iżda reġa' tfaċċa madwar kwarta wara. Hawnhekk mhux qed issir referenza għall-argument allegat mill-Parte Civile quddiem Tony's Bar iżda argument li seħħ wara l-impatt bejn il-vetturi. Elaine Grech mhix f'posizzjoni tgħid x'intqal waqt dak l-argument għax ma rieditx tidħol bejniethom. Biss kienet indunat mill-mod kif kien l-argument li kienu jafu lil xulxin, fatt li ġie ulterjorment ikkonfermat meta l-Parte Civile

qaltilha min kien kif ħarġet mill-vettura.[13] Ix-xhud Grech lanqas ma tagħmel aċċenn għall-fatt li hi kienet ħadet in-numuru ta' reġistrazzjoni tal-vettura tal-imputat jew li kienet infurmat lill-Parte Civile bl-informazzjoni miġbura minnha, kif tallega l-Parte Civile li kienet għamlet. Iżda Grech tagħmilha ċara li ndunat li kienu jafu lil xulxin u filfatt warbet minn hemm sabiex ma tidħolx fil-kwistjoni ta' bejniethom.

Mill-banda l-oħra kienet il-Parte Civile li minn jeddha qaltilha min kien is-sewwieq tal-vettura li kkaġuna l-inċident u dan kif ħarġet mill-vettura tagħha. Kwindi jidher anki hawnhekk illi d-deskrizzjoni ta' kif seħħ l-impatt u r-reazzjoni tal-imputat mal-ħabta kif prospettata mid-Difiża ġew ikkoroborati minn din ix-xhud. Din ix-xhud ukoll tikkonferma li l-Parte Civile kienet pjutost aġitata minn din il-ħabta tant illi hi tgħid li ppruvat tikkalmha fejn il-Parte Civile kellha diffikulta jżomm il-kalma f'dak il-mument. Fil-fehma tal-Qorti din kienet ikkaġunata kemm min-natura tal-impatt innifsu u kemm minħabba l-fatt li kienet ħabtet mal-imputat li kien l-għarus tagħha qabel dak iż-żmien u fejn seta' konsegwentement jitqajjem inkwiet ulterjuri mal-għarus kurrenti tagħha, minħabba s-sitwazzjoni partikolari u l-mod kif kienet issuċċediet.

Illi kwindi hemm dubbju raġonevoli dwar l-element intenzjonali għal dak li jirrigwarda l-ewwel żewġ imputazzjonijiet kif miġjuba kontra l-imputat. Madankollu tenut kont tal-fatt li kemm mill-provi prodotti

[13] Folio 98 tal-atti proċesswali.

mill-Prosekuzzjoni kif ukoll mit-teżi tal-imputat li mhux qed jiċħad ir-responsabbilta' tiegħu għall-inċident rekat u b'ebda kontributorjeta' da parti ta' ħaddieħor jew ħaġ'oħra, din il-Qorti ser tipproċedi sabiex minflokk isibu ħati tar-reati kompriżi u nvoluti tal-ħsara involontarja u offiżi ħfief involontarji fuq il-persuna tal-Parte Civile.

***Ikkunsidrat:***

Illi għal dak li jirrigwarda r-raba' imputazzjoni kif miġjuba kontra l-imputat u ċioe dak tas-sewqan perikoluż u negliġenti da parti ta' Josef Grima skond l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65, il-Qorti tqis li l-manjiera kif deskritta mill-akkużat innifsu dwar ir-raġuni għala ħabat fil-vettura tal-Parte Civile, kif ukoll ix-xhieda tal-Parte Civile u ta' Elaine Grech dwar in-natura qawwija tal-impatt rekat mid-daqqa jindikaw b'mod ċar u mingħajr l-ebda dubbju dettat mir-raġuni li l-imputat huwa ħati ta' din l-akkuża. In oltre skond is-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Alfonso Abela***[14] il-Qorti tal-Appell Kriminali ikkunsidrat is-segwenti:

> Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li "Hu dover ta' "driver to see what is in plain view". (App. Krim. "Il-Pul. vs. Joseph Vella" – [10.8.1963] ) u li "min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout" (Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. J.M. Laferla , [17.6.1961] ). Issa anki jekk, ghal grazzja tal-argument, din il-Qorti kellha ma taqbilx ma l-Ewwel Qorti filli strahet fuq il-versjoni ta' McCallister li hu kien qasam mix-xellug ghal-lemin talquddiem tal-Mini Bus u taccetta bhala pruvata – salgrad tal-probabbli – il-versjoni ta' l-appellant u El Nadar li hi sa certu punt ukoll korroborata minn Balzan, li l-vittma qasmet mil-lemin ghax-xellug , dan xorta ma jezonerax lill-appellant mill-obbligu strett li jzomm "a proper lookout" b' mod li allura kellu jara sew

[14] Deċiża nhar l-10 ta' Marzu 2005 mill-Imħallef Joe Galea Debono.

minn qabel u jintebah li McCallister li seta kien ghadu fuq il-bankina triangolari gej biex jaqsam minn quddiemu. Ghalhekk hu kien tenut li jiehu l-prekawzjonijiet kollha biex jieqaf u ma jtajjrux specjalment meta kien jaf li diehel f' zona minn dahla fejn mhux suppost jidhol dak il-hin. Dan ghaliex kif gie ritenut fi "NEWHAUS N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd" (1968) :-

"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."

Din il-Qorti taqbel mall-Ewwel Qorti wkoll li l-mod kif lappellant ghamel ir-"right hand turn" gabhu vicin tal-kantuniera tal-lemin aktar milli kien hemm bzonn u li appellant ghamel dak li jissejjah "cutting the corner" meta setgha ha l-liwja aktar fil-wisgha u b'hekk lincident seta' anki jigi sfjorat . Li sar hekk jirrizulta kemm mill-pozizzjoni tal-vettura tal-appellant kif tidher fl-isketch, kif ukoll mix-xhieda okulari kollha. Din il-manuvra nkonsulta w esegwita b' mod hazin poggiet lill-appellant taht dik li tissejjah "self inflicted incapacity" li impedietu milli jara lill-vittma aktar qabel ma fil-fatt rah biex umbaghad ikun jista' jiehu l"evasive action " opportuna. Dan in-nuqqas kien ukoll jikkostitwixxi imprudenza fis-sewqan li jammonta ghal sewqan b'maniera traskurata, partikolarment meta wiehed iqis dak li jirrakkomanda il-manwal "The Highway Code" fil-paragrafu 127 meta jghid : "When turning at a road junction give way to pedestrians who are crossing." (Ara. App. Krim. "Il-Pulizija vs. Anna Rita Camilleri" [25.9.2003] ).

Din il-Qorti pero' ma tirravizax fis-sewqan tal-appellant dak il-grad gravi ta' sewqan hazin li jikkostitwixxi s-sewqan periklouz. Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Aldo Muscat" [27.5.04] ), jekk sewqan hux (i) negligenti ; jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' "Degree". (App.Krim. Pul. vs. Charles Bartolo [14.3.59] ; Pul. vs. Wilson, Vol. XXXIX p. 1018 u Pul. vs. Alfred Vella, Vol. XLIV ; p. 933) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim. Pul. vs. Hardingham , [19.10.1963]) . Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu irreat ta' sewqan perikoluz , hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness" (App. Krim. Pul. vs. Charles Farrugia XXXIX p. 1018.) "Recklessness" giet defenita bhala "wilfully shutting one's eye". (App. Krim. Pul. vs. Joseph Aquilina , 20.4.1963) . Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. Pul. vs. Antonio Spiteri , Vol. XLIV , p.892. )

> Issa fil-fehma ta' din il-Qorti n-nuqqasijiet fis-sewqan tal-appellant fuq elenkati li jemergu, anki jekk tigi accettata l-versjoni tieghu tal-fatti, aktar jinkwadraw ruhom taht il-forma ta' sewqan b'manjiera traskurata, bla hsieb u b'nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku milli ta' sewqan perikoluz , kif irriteniet li kien il-kaz l-Ewwel Qorti.

Illi konsegwentement, b'referenza wkoll għal-ġurisprudenza nostrana bħal din hawn fuq iċċitata, fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li l-imputat iddeċieda li jneħħi għajnejħ minn fuq it-triq biex jaqra messaġġ li kien daħallu minn fuq il-mobile tiegħu waqt li kien qiegħed isuq, waslet sabiex ma kellux *a proper lookout* tat-triq li kien qed isuq fiha, liema obbligu huwa impellenti fuq kull min ikun qed isuq. Konsegwentement l-aġir tiegħu ser jiġi meqjus minn din il-Qorti bħala sewqan perikoluż għall-finijiet u għall-effetti kollha tal-liġi.

***Ikkunsidrat :-***

Illi għal dak li jirrigwarda l-addebitu tar-reċidiva, il-Prosekuzzjoni ma eżebiet l-ebda sentenzi in sostenn ta' dan l-addebitu. Jibqa' madankollu stat ta' fatt li għal dak li jirrigwarda l-Artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali, il-fedina penali tal-imputat hija prova li hu filfatt mhuwiex *a first time offender*; iżda liema dokument waħdu ma jistax iwassal għall-awment tal-gradi skond l-Artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali, meta din il-Qorti tiġi biex tikkomputa l-piena aħħarija fil-konfront tiegħu. Madankollu din il-Qorti ser tieħu qies tal-kontenut ta' din il-fedina sabiex tistabilixxi liema għandha tkun l-aktar piena idoneja fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, u dan anki skond id-dettami tas-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell

Kriminali (Inferjuri) nhar is-17 ta' Settembru 2008 mill-Imħallef Joseph Galea Debono fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Josef Abela***.[15] Dan qed jingħad ukoll mingħajr preġudizzju għal dak ravviżat taħt l-Artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u dan fid-dawl tar-raba' akkuża kif miġjuba kontra Grima.

***Ikkunsidrat : -***

Illi finalment għal dak li jirrigwarda l-pretensjoni tal-Parte Civile għall-ħlas dovut lilha għall-kirja tal-vettura għal żmien erba' xhur wara l-inċident, irriżulta li skond il-Parte Civile, hi kienet damet milli tagħmel il-*claim* mal-assikurazzjoni tagħha peress li baqgħet tittama li l-imputat jagħmilha hu mal-assikurazzjoni tiegħu u sakemm il-vettura tagħha li kienet sofriet ħsarat wara l-kollizjoni mal-imputat ġiet imsewwija hi kellha tikri karrozza għal żmien erba' xhur, li minnhom l-assikurazzjoni komprewha biss għal ftit ġranet.

Il-Parte Civile eżebiet in atti dokument allegatament maħruġ mill-kumpanija *Xajen Car Hire and Leasing* u datat l-20 ta' Frar 2013 li jkopri l-perjodu bejn it-18 ta' Ottubru 2013 u l-20 ta' Frar 2013. Jidher evidentement li hemm żball tipografiku f'dan id-dokument senjatament is-sena meta inħarġet il-fattura kif ukoll id-data tal-iskadenza tat-

---

[15] Fejn ingħad is-segwenti –

> ...huwa dmir impellenti ta' kull Qorti ta' gurisdizzjoni penali li, qabel ma teroga xi piena jew tapplika xi provvediment alternattiv bhal sentenza sospiza, ordni ta' probation, liberazzjoni kondizzjonata, eccetera, tezamina sew il-fedina penali tal-hati biex tkun tista' tikkalibra l-piena skond ic-cirkostanzi w proprju tivverifika jekk xi provvediment li jkollha f'mohha li taghmel ikunx prekluz minn xi dispozizzjoni tal-ligi.

terminu tal-kirja u dan peress li jinqara 2013 meta għandu jinqara 2014. Kwindi jidher ċar minn dan id-dokument illi t-terminu tal-kirja kien dekorribbli mit-18 ta' Ottubru 2013 u l-20 ta' Frar 2014.

Illi għal dan ir-rigward id-difiża tikkontendi illi l-imputat m'għandux jiġi akkollat b'dawn l-ispejjeż peress illi din il-prova u dan id-dokument ma ġiex ikkonfermat minn min krielha l-vettura u kwindi l-ammont imħallas minnha għall-kirja mhuwiex ikkonfermat.

***Ikkunsidrat:***

Illi quddiem din il-Qorti il-Parte Civile kienet obbligata li tressaq l-aqwa prova disponibbli għaliha fir-rigward tal-pretensjoni ċivili tagħha. F'dan il-każ, il-persuna li allegatament kriet lil Parte Civile l-vettura de quo, ossija r-rappreżentant ta' *Xajen Car Hire and Leasing* ma ġiex biex jixhed dwaru. L-anqas l-istess dokument ma jippreżenta xi forma ta' firma ta' persuna rappreżentanti din l-entita'.

Din il-Qorti mhix tikkontesta li l-Parte Civile ssubiet ħsara fil-vettura tagħha u li konsegwenza t'hekk damet żmien twil mingħajr il-vettura tagħha konsegwenti dan l-inċident. Mill-banda l-oħra din il-Qorti ma tistax tillikwida d-danni, tra l-altro kontestati, fuq dokument li la huwa perfett u l-anqas huwa konfermat bil-ġurament. Dan qiegħed ukoll jingħad fid-dawl tal-fatt li hemm żball relevanti ferm f'din il-fattura u

ċioe d-data meta' din il-kirja allegatament daħlet fis-seħħ u ċioe it-18 ta' Ottubru 2013. Dan qed jingħad peress li ndubjament il-ħabta bejn l-imputat u l-Parte Civile seħħ fis-26 ta' Ottubru 2013 u ċioe disat ijiem wara d-data indikata fil-fattura ppreżentata mill-Parte Civile. In oltre dawn jinkorporaw fihom dawk il-ħamest ijiem kirja li skond il-Parte Civile stess ġew koperti mill-assikurazzjoni tagħha. F'dan l-isfond probatorju, din il-Qorti ma tqisx li jkun xieraq li tagħti ordni ta' kumpens għal danni b'mod sommarju. Fi kwalunkwe każ, il-vertenza tal-likwidazzjoni tad-danni lit-Tribunal Ċivili kompetenti kienet dejjem miftuħa għall-parti interessata.

***Ikkunsidrat :-***

Illi għal dak li jirrigwarda l-piena idoneja, din il-Qorti qieset il-fedina penali tal-imputat fejn jidher li preċedentement, l-imputat kien instab ħati diversi drabi ta' sewqan traskurat u negliġenti u ta' ksur ta' regolamenti prinċipalment għal dak li jirrigwarda dawk t-traffiku kif ukoll il-ksur tar-regolamenti tal-VAT kif ukoll ksur tal-att dwar l-impjieg u relazzjonijiet industrijali. Jidher ukoll li fis-sena 2012 l-imputat kien instab ukoll ħati talli attakka jew għamel resistenza fil-konfront ta' uffiċjal pubbliku waqt li kien qed jagħmel xogħlu, senjatament gwardjan lokali.[16]

---

[16] Ara folio 3 et seq tal-atti proċesswali.

Qieset ukoll f'dan ir-rigward, id-dettami tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Josef Abela*** imsemmija aktar il-fuq.

Qieset ukoll li għajr għal din il-kawża, illum il-ġurnata jidher li m'hemmx aktar kwistjonijiet bejn il-partijiet ikkonċernati.

Qieset dak sottomess mill-Parte Civile dwar il-pretensjonijiet tagħha għar-rigward tal-piena mistennija minnha inkluz il-kumpens tal-kirja tal-vettura tagħha għall-perijodu ta' erba' xhur.

Qieset dak sottoess mid-difiża dwar il-fatt li llum il-ġurnata l-imputat kif ukoll il-Parte Civile għandhom il-ħajja u l-familji tagħhom indipendentement minn xuxlin.

## ***Deċide***

Illi wara li rat l-Artikoli 325(1)(a) u 328(d), 214, 215, 221(1)(a) u 226(1)(c), nonche l-Artikoli 17, 20, 31 u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta (u dan skont kif kienu fil-jum meta ġew imwetqin ir-reati de quo), kif ukoll l-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat in kwantu din ġiet irtirata mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti qegħda ssib lil ***Josef Grima***:

(1) Mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni ta' ħsara volontarja kif miġjuba kontra tiegħu ai termini tal-Artikolu 325(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali iżda ħati tar-reat minuri iżda kompriż u involut f'dak ta' ħsara volontarja u ċjoe r-reat ta' ħsara involontarja fuq il-vettura tal-għamla BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni PAC103 skont ai termini tal-Artikolu 328(d) tal-Kodiċi Kriminali;

(2) Mhux ħati tar-reat t'offiża volontarja ai termini tal-Artikoli 214 u 221(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, iżda ħati tar-reat minuri iżda kompriż u involut f'dak ta' offiżi volontarji, jiġifieri fir-reat ta' offiżi involontarji ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Joanne Pace ai termini tal-Artikolu 226(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali;

(3) Ħati tar-raba imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu ai termini tal-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, b'dan li tqis li s-sewqan tiegħu f'dan il-każ kien jikkwalifikat bħala sewqan perikoluż u dan f'kuntest li huwa kien diġa ġie misjub ħati ta' reat ta' kontra din l-Ordinanza;

Konsegwentement tikkundannaħ għall-piena komplessiva ta' **tlett xhur priġunerija**. Wara li rat l-Artikoli 28A u 28B tal-Kodiċi Kriminali tordna li din is-sentenza in kwantu għal piena ta' priġunerija m'għandhiex tibda' sseħħ ħlief jekk **matul il-perjodu ta' sena mill-lum** l-imputat jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija u dan wara li l-Qorti

kompetenti tkun ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali ordnat li din is-sentenza għandha tiġi fis-seħħ.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti spjegat bi kliem li jinftiehem lill-ħati r-responsabbilita tiegħu mnissla mill-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali fil-każ li huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza; sospizi għal sena.

In oltre ai termini tal-Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u b'referenza wkoll għall-fedina penali tal-imputat li għandu diversi preċedenti bi ksur tal-istess disposizzjoni, tordna l-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan ta' Josef Grima għal żmien sena mid-data ta' din is-sentenza.

***Aaron Bugeja***